**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**ILLUM IL-ĦAMIS, 31 TA' JANNAR 2019**

**Kawża Nru: 6**

**Rik. Ġur. Nru. 1062/17 RGM**

**St. George's Park Company Limited**

**vs**

**Dr. Hugh Peralta**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors maħluf tas-soċjeta attriċi St. George's Park Company Limited, li permezz tiegħu ppermettiet u talbet is-segwenti:

1. Illi ghal numru ta' snin sal-2004, l-intimat l-Avukat Dr Hugh Peralta, flimkien mal-Avukat Dr Noella Grima, kien jippatrocina lis-socjeta` rikorrenti St George's Park Company Limited. Fost l-ohrajn, l-intimat kien assista lis-socjeta` rikorrenti f'zewg kawzi kontra Clouds Catering Limited

(1908/2000) u Premier Investments Limited (2736/1999) rispettivament, li fihom kien qed jintalab l-izgumbrament tal-imsemmija kumpanniji minn propjeta` mikrija lilhom mis-socjeta` rikorrenti St George's Park Company Limited.

2. Illi fl-2003, l-intimat Dr Hugh Peralta irrinunzja ghall-patrocinju tar-rikorrenti fiz-zewg kawzi msemmija u talab il-hlas tad-dritt tieghu skont zewg taxxi mahruga mir-Registratur tal-Qorti. L-imsemmija taxxi gew formalment notifikati lis-socjeta` rikorrenti permezz ta' ittri ufficjali mibghuta mill-Avukati Dr Hugh Peralta u Dr Noella Grima (Dok **SGP 1 u 2**).

3. Illi r-rikorrenti St George's Park Company Limited ikkontendiet illi l-metodu tal-ivvalutar tal-kawzi, u konsegwentement, il-kalkolu tat-taxxa tal-Qorti kien zbaljat, u ghalhekk intavolat zewg rikorsi illi permezz taghhom attakkat it-taxxi notifikati lilha. Il-proceduri ta' ritassa in kwestjoni kienu *Saint George's Park Company Limited vs Dr Hugh Peralta, Dr Noella Grima, ir-Registratur tal-Qorti u l-PL Rose Sciberras (20/2004 GCD) u Saint George's Park Company Limited vs Dr Hugh Peralta, Dr Noella Grima, ir-Registratur tal-Qorti u l-PL Edgar Montanaro (21/2004 TM).* Essenzjalment f'dawn il-proceduri St George's Park Company Limited kienet qed tattakka l-metodu ta' intaxxar uzat mir-Registratur tal-Qorti specifikament fejn jidhol kalkolu ta' valur ta' talba ghal terminazzjoni ta' kirja. B'mod partikolari r-rikorrenti kienet qed targumenta illi ma jaghmilx sens li l-valur ta' kirja ghal zmien determinat jigi kkalkulat billi wiehed jimmultiplika s-snin li jkun ghad baqa' mill-kirja bil-kera li tithallas, meta f'kaz ta', nghidu ahna cens perpetwu, il-ligi stess timponi massimu ta' multiplikazzjoni ghal hamsa u ghoxrin sena.

4. Illi l-vertenza eventwalment waslet quddiem il-Qorti tal-Appell illi f'sentenza tal-4 ta' Lulju, 2008 iddecidiet favur Saint George's Park Company Limited **(Dok SGP 3 u 4).**

5. Illi l-intimat Dr Hugh Peralta, flimkien ma' Dr Noella Grima intavolaw proceduri ta' ritrattazzjoni fiz-zewg kawzi ta' ritassa fuq bazi ta' allegata ''applikazzjoni hazina tal-ligi'' ai terminu tal-artiklu 811 (e) tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta. Fis-6 t'Ottubru 2009, il-Qorti tat decizjoni f'kull wahda mill-kawzi illi permezz taghha laqghet ir-ritrattazzjoni u hassret is-sentenzi li kienu qed jigu ritrattati minhabba ''applikazzjoni hazina tal-ligi''. Fl-istess sentenza, il-Qorti ghaddiet u ddecidiet l-mertu favur l-intimat Dr Hugh Peralta **(Dok SGP 5 u 6).**

6. Illi fid-dawl ta' din is-sentenza, l-intimat Dr Hugh Peralta insista illi jsir hlas lilu ta' ammont ta' mitejn u sitta u tmenin elf, erba' mija u disa' ewro (€286,409) ai termini tat-taxxi tal-Qorti kif konfermati fis-sentenza tas-6 t'Ottubru, 2009. (ara email tat-22 t'Ottubru, 2009 **Dok SGP 7**).

7. Illi, iffaccjata b'theddida ta' mandati, ir-rikorrenti St George's Park Company Limited hallset is-somma msemmija permezz ta' tliet cekkijiet mahruga minn kont fil-Bank HSBC; senjatament, (a) cekk numru 17568 ghas-somma ta' €189,272.74 (b) cekk numru 17635 ghas-somma ta' €94,636.35 u (c) cekk numru 17626 ghas-somma ta' €2,500, li jwasslu ghal total ta' €286,409.09 imsarraf mill-intimat Dr Hugh Peralta fit-28 ta' Novembru, 2009.

*8.* Illi ai termini ta' *covering letter* tat-28 t'Ottubru, 2009 (**Dok SGP 8**), ir-rikorrenti hallsu l-ammonti msemmija fuq bazi minghajr pregudizzju b'dan illi zammew il-jedd illi jitolbu l-hlas lura tal-ammonti msemmija *should the taxed bills of costs be declared null and void in future proceedings.*

9. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti nnutat illi t-taxxa tal-ispejjez marbuta mal-kawza kontra Premier Investments Limited (jigifieri l-istess taxxa illi kienet qed tigi attakkata fil-proceduri 20/2004 GCD) kienet qed tigi attakkata fi proceduri separati pendenti quddiem il-Qorti tal-Appell (738/2004) miftuha mill-istess Premier Investments Limited. Min-naha taghha illi r-rikorrenti stess kien behsiebha tiftah proceduri kostituzzjonali msejsa fuq ksur tad-dritt taghha ta' smigh xieraq fil-kuntest tar-ritrattazzjoni;

10. Illi ftit xhur wara, senjatament nhar l-14 ta' Mejju 2010, fl-isfond tal-proceduri intavolati minn *Premier Investments Limited* sabiex tattakka t-taxxa tal-ispejjez finali marbuta mal-kawza *Saint George's Park Company Limited vs Premier Investments Limited*, il-Qorti tal-Appell (Superjuri) tat sentenza finali li biha, filwaqt illi ghamlet referenza specifika ghas-sentenza dwar ritrattazzjoni moghtija nhar is-6 t'Ottubru, 2010, ma qablitx ma' tali sentenza u kkapovolgiet ir-ragunament tal-Qorti tal-Appell kif diversament presjeduta (**Dok SGP 9**).

11. Illi, fid-dawl ta' din is-sentenza, ir-rikorrenti baghtet ittra ufficjali lill-intimat Dr Hugh Peralta u Dr Noella Grima (datata 25 ta' Mejju, 2010**) Dok SGP 10** illi biha, filwaqt illi ghamlet referenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fis-seduta tal-14 ta' Mejju, 2010 interpellathom biex minnufih jirrifondu s-somma ta' mitt elf disa' mija u tlieta u sebghin ewro u tmienja u sittin centezmu (€100,973.68) drittijiet ta' avukat, tlieta u tletin elf sitt mija u sebgha u hamsin ewro u tmienja u tmenin centezmu (€33,657.88) drittijiet ta' prokuratur legali, erbgha u ghoxrin elf mitejn u tlieta u tletin ewro u tmienja u sittin centezmu (€24,233.68) VAT kif ukoll disgha u sebghin elf erba' mija u erbgha u ghoxrin ewro (€79,424) f'imghax relattiv li huma kienu talba fuq l-istess somom f'kollox ammontanti ghal €238,289.24, liema somma thallset u giet accettata bil-kundizzjoni li ssir rifuzjoni f'kaz li t-taxxa fuq riferita *''be declared null and void in future proceedings''.* Gie wkoll intavolat protest **(Dok SGP 10a)** fit-28 ta' Lulju, 2010;

12. Illi aktar tard f'dik is-sena, u fuq talbiet imtennija mir-rikorrenti, l-intimat Dr Hugh Peralta, hareg fattura ridotta datata 9 ta' Dicembru, 2010 (imsejsa fuq it-taxxa ridotta tal-2007) ghall-ammont ta' €85,326.97 u maghha zied interessi fl-ammont ta' €25,699.14 (ittra u fattura **Dok SGP 11**), b'dan illi hallas lura lis-socjeta` mittenti bilanc ta' €175,382.89.

13. Illi ghal kompletezza jinghad illi:

- Kif indikat li se jaghmel fl-ittra taghha tad-29 t'Ottubru, 2009, ir-rikorrenti pprezentat rikors quddiem il-Prim Awla tal-Qorti Civili (Sede Kostituzzjonali) illi biha sostniet illi s-sentenzi moghtija fil-proceduri ta' ritrattazzjoni kienu jiksru d-drittijiet kostituzzjonali taghha ghal smigh xieraq, u dan stante illi l-Qorti tal-Appell kienet ghaddiet mill-ewwel sabiex tiddeciedi l-mertu minghajr ma semghet mill-gdid lill-partijiet;
- Illi fis-26 ta' Gunju, 2013 il-Prim Awla (Sede Kostituzzjonali) laqghet ir-rikors ta' SGP u ddikjarat minghajr effett dik il-parti tas-sentenzi tar-ritratazzjoni fejn gie deciz il-mertu.
- Illi din is-sentenza giet konfermata fl-appell mill-Qorti Kostituzzjonali, b'dan illi l-kawzi ta' ritassa gew appuntati mill-gdid quddiem il-Qorti tal-Appell ghal smigh ta' sottomissjonijiet u decizjoni finali;
- Dawn il-proceduri ta' ritassa gew decizi finalment mill-Qorti tal-Appell (Superjuri) nhar it-18 ta' Frar, 2016 **(SGP 12 u 13)**. Il-proceduri gew decizi favur St George's Park Company Limited b'dan illi gew ikkonfermati t-taxxi kif mahduma fuq valur ridott;
- Il-vertenza dwar kif kellha tinhadem it-taxxa hija ghalhekk ormai finali;

14. Illi filwaqt illi, kif intqal, wara s-sentenza tal-14 ta' Mejju, 2010 l-intimat Dr Hugh Peralta kien irrifonda parti mill-ammont precedentement imhallas lilu mir-rikorrenti, l-esponenti ssostni illi huwa ghadu debitur fil-konfront taghha ghal ammont totali li, sal-15 ta' Novembru, 2017 kien iwassal ghal somma totali ta' **hamsa u sittin elf u erba' mija u sebgha u sebghin ewro u disgha u ghoxrin centezmu <u>(€65,477.29).</u>**

15. Illi l-ammont imsemmi huwa indikat f'izjed dettall fil-prospett anness bhala **Dok SGP 14** izda, fil-qosor, jista' jigi spjegat kif gej:

(a) ir-rikorrenti ssostni illi s-somma ta' €25,699.14 f'interessi fuq l-ammont pretiz mill-intimat inzamm indebitament, u dan ghaliex l-interessi fuq l-ammont dovut lill-intimat bdew semmai jiddekorru minn meta huwa baghat il-fattura korretta tieghu, cjoe fid-9 ta' Dicembru, 2010. Ghalhekk l-intimat ghandu jhallas lura s-somma ta' **€25,699.14** mizmuma minnu indebitament;

(b) Duq din is-somma ta' €25,699.14 ghandhom s'issa jiddekorru l-interessi bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) li sal-15 ta' Novembru, 2017 iwasslu ghal €16,506.21;

(c) Jirrizulta wkoll illi fil-kalkoli tieghu l-intimat Dr Peralta ma qiesx l-interessi tieghu li lahqu ddekorrew fuq l-ammonti mhallsa indebitament mir-rikorrenti u li huwa stess irriduca permezz tal-fattura tieghu tad-9 ta' Dicembru, 2010. Dawn l-imghaxijiet iwasslu ghas-somma ta' **€14,991.63,** liema somma jehtieg illi tigi rifuza.

**(d)** Fuq din is-somma ta' 14,991.63 ukoll jiddekorru l-imghaxijiet li, ikkalkulati bir-rata ta' tmienja fil-mija fis-sena sal-15 ta' Novembru, 2017 iwasslu ghal **€8,280.31**.

16. Illi dan kollu gie spjegat f'ittra legali tal-21 ta' Gunju, 2017 u f'ittra ufficjali tas-27 ta' Lulju, 2017 li bihom l-intimat Peralta gie interpellat ihallas l-ammonti msemmija **(SGP 15 u 16);**

17. Illi minkejja dan, u minkejja avvicinamenti min-naha tal-konsulent legali tar-rikorrenti sabiex din il-vertenza tigi solvuta amikevolment, l-intimat baqa' inadempjenti;

18. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Ghaldaqstant, ir-rikorrenti umilment jitlob li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna, din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

(i) Tiddikjara illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti St George's Park Company Limited fis-somma totali ta' **hamsa u sittin elf u erba' mija u sebgha u sebghin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€65,477.29)** jew somma verjuri, konsistenti f'ammonti mhallsa indebitament mir-rikorrenti lill-intimat, u imghaxijiet ikkalkulati sal-15 ta' Novembru, 2017;

(ii) Tordna lill-intimat ihallas lir-rikorrenti is-somma msemmija ta' **hamsa u sittin elf u erba' mija u sebgha u sebghin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (€65,477.29)** jew somma verjuri likwidata minn din il-Qorti skont l-ewwel talba;

Bl-ispejjez gudizzjarji, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali intavolata mir-rikorrent, u bl-imghaxijiet ulterjuri fuq is-somom mitluba sad-data tal-pagament effettiv, kontra l-intimat illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta tal-konvenut Dr Hugh Peralta li taqra kif gej;

Preliminarjament illi t-talbiet attrici huma preskritti ai termini tal-artikolu 2156(f) tal-Kap 16.

Fil-meritu u bla pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni attrici ghandha tigi michuda, bl-ispejjez kontra s-socjeta` attrici, peress illi l-ebda ammont kwalsiasi ma huwa lilha dovut mill-eccipjenti.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Rat il-provi kollha li tressqu fil-kors tal-kawża;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta attriċi preżentata fid-19 ta' Mejju 2018;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat ippreżentata fit-12 ta' Lulju 2018;

Rat il-verbal tat-11 t'Ottubru 2018 fejn il-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza dwar l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut.

Ikkunsidrat

**Konsiderazzjonijiet**

Illi din is-sentenza hija limitata għall-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut li permezz tagħha qiegħed jeċċepixxi li l-azzjoni tas-soċjeta attriċi hija preskritta ai termini tal-**Artikolu 2156 (f) tal-Kapitolu 16** tal-Liġijiet ta' Malta. Tajjeb li wieħed jibda billi jikwota proprju dak li jipprovdi dan l-artikolu:

**2156**. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin

[...]

**(f)** l-azzjonijiet għall-ħlas ta' kull kreditu ieħor li ġej minn operazzjonijiet kummerċjali jew minn ħwejjeġ oħra, meta l-kreditu ma jkunx jaqa', skont din il-liġi jew liġijiet oħra, taħt preskrizzjoni aqsar, jew ma jkunx jirriżulta minn att pubbliku;

Illi l-preskrizzjoni kwinkwennali maħsuba fl-artikolu hawn kwotat tikkonċerna imgħaxijiet jew kreditu li għandu b'oġġett ħaġa funġibbli bħal ma huma flus[1]. Fil-kawża **Giovanni Saliba et vs Angelo Grech** deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-7 ta' Frar 1949, ingħad li fejn fl-**Artikolu 2156(f)** jipprovdi "“ghall-hlas ta' kull kreditu iehor….” dik il-kelma “iehor” turi bic-car illi l-legislatur qieghed jikkommetti din id-depozizzjoni mas-sezzjonijiet precedenti, fejn huma ndikati krediti specifici w ghalhekk dak il-kreditu ghandu jkun “eiusdem generis” skond ir-regola komunament accettata fil-gurisprudenza.”

Illi huwa prinċipju ben stabbilit fil-ġurisprudenza nostrana li l-preskrizzjoni enunzjata fl-Artikolu 2156 (f) hija soġġetta għal interpretazzjoni *eiusdem generis*. Għalhekk, il-kelma 'kreditu' tiġbor fiha biss jeddijiet li huma tal-istess natura bħal jeddijiet l-oħra msemmija fl-Artikolu 2156. F'dan il-

[1] **Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino** deċiża mill-Prim' Awla, Qorti Ċivili fid-19 ta' Ottubru 1954.

kuntest, ta' min jinnota li l-ebda wieħed mill-krediti msemmija fl-Artikolu 2156 ma huwa kreditu ta' *obbligazione di fare,* imma kollha obbligazzjonijiet għal ħlas ta' flus. Dan iġib miegħu l-effett li l-obbligazzjoni li kontra tagħha titressaq eċċezzjoni bħal din trid tkun waħda għall-ħlas ta' flus.

Illi fil-fatt, fil-kawża **Giovanni Mifsud vs Giuseppe Pullicino** deċiża mill-Prim'Awla Qorti Ċivili fid-19 t'Ottubru 1954 ġie ritenut illi

"jidher illi l-krediti msemmija fid-dispozizzjoni tal-ligi 'l fuq indikata jirrigwardaw bhala regola dawk li jkollhom bhala oggett flus; jigifieri dawk tal-prestazzjonijiet accessorji, jirrigwardaw dejjem oggett li jkun flus, u dawk tal-prestazzjonijiet principali jirrigwardaw oggett li jkun jew flus jew haga fungibbli bhal ma huma flus. Kull kreditu iehor, hemm imsemmi m'ghandux jiftiehem li jista' jkun kwalunkwe kreditu jkun li jkun, imma dak biss li mhux imsemmi espressament fl-istess dispozizzjoni u li jkollu l-istess natura bhal flus."

Illi dan ifisser li din il-preskrizzjoni tapplika għal żewġ ordni ta' krediti: (a) l-prestazzjonijiet aċċessorji jkunu liema jkunu, u (b) wħud mill-prestazzjonijiet ewlenin jew prinċipali. Tal-ewwel jirrigwardaw dejjem oġġett li jkun flus, filwaqt li tat-tieni jirrigwardaw flus jew ħaġa funġibbli bħal ma huma flus.[2]

Illi mill-atti tal-kawża jirriżulta li l-ħlas li qed jitalab huwa ħlas ta' flus u ta' natura funġibbli u għaldaqstant, jaqa' taħt il-preskrizzjoni ċitata hawn fuq.

Illi dan magħdud, il-Qorti ser tgħaddi sabiex teżamina jekk l-eċċezzjoni tirriżultax o meno u sabiex tagħmel dan il-qorti trid tqis ukoll disposizzjonijiet oħra li jagħmlu parti mit-Titolu XXV tal-Kapitolu 16 li jittratta Fuq il-Preskrizzjoni u li fil-fehma tagħha, fuq l-iskorta tal-provi akkwiżiti, jista' jkollhom rilevanza għall-kwistjoni *de qua*.

[2] **Alf. Mizzi & Sons (Marketing) Ltd vs Victor Spiteri** deċiża fit-18 ta' Marzu 2008 mill-Prim'Awla, Qorti Ċivili.

Illi ġialardarba li f'din il-kawża l-preskrizzjoni mqanqla mill-konvenut hija waħda estintiva tal-azzjoni attriċi, jidħol fis-seħħ il-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dak inhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni meqjusa biex tħares dak id-dritt. Għaldaqstant l-Artikolu 2156 (f) tal-Kodiċi Ċivili għandu jinqara wkoll fid-dawl ta' dak li jipprovdi l-**Artikolu 2137** tal-istess Kodiċi li jgħid 'l-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss.' Il-ħarsien ta' din ir-regola hi waħda bażika, tant li jinsab mgħallem illi l-impossibilità li wieħed jaġixxi trid tkun impossibilità indipendenti mir-rieda ta' dak li jkun, dovuta għal kawża 'l barra minnu li huwa ma setax ineħħi[3].

Il-Qorti tagħmel ampja referenza ghas-sentenza fil-kawża fl-ismijiet **Johan Carabott et vs Emmanuel sive Leli Busuttil et** (Rik Ġur Nru 286/2009 JRM) mogħtija reċentement fis-17 ta' Jannar 2019 minn din il-Qorti diversament presjeduta:

"Illi dan il-prinċipju jinbena fuq il-massima li *actione non natae non praescribitur*. L-awturi Baudry-Lacantinerie u Tissier f'dan ir-rigward jgħallmu li "*Quanto alla prescrizione estintiva, il suo corso comincia in principio a partire dal giorno in cui e' nato il diritto o l'azione che e' destinata ad estinguere...*" [cfr. Trattato Teorico-Pratico di Diritto Civile: Della Prescrizione (Cap XII, §364 , paġ. 279)]. U band'oħra jżidu jgħidu illi "*La prescrizione estintiva in materia di diritti eventuali non decorre evidentemente se non dopo il verificarsi dell'evento che fa nascere il diritto rimasto fin allora puramente eventuale*" [Op. cit. §393-bis, paġ 306];

Illi, hu x'inhu l-għajn tal-preskrizzjoni invokata mill-parti mħarrka, jaqa' dejjem fuq il-Qorti li tqis minn liema data tali preskrizzjoni bdiet għaddejja, u l-eċċezzjoni m'għandhiex tintlaqa' jekk mill-provi mressqin jew mill-atti tal-proċess dik id-data ma tkunx tista' tiġi stabilita [App. Ċiv 5.4.1993 fil-

[3] **Attard et noe vs Fenech** deċiża mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fil-15 ta' Frar 1965 (Kollez. Vol: XLIX.i.500).

kawża fl-ismijiiet Quintano vs Giorgina Calleja et (Kollez. Vol: LXXVII.ii.269)];

Illi min-naħa l-oħra, ladarba tkun stabbilita d-data li minnha ’l quddiem tnisslet il-ħsara u beda għaddej iż-żmien preskrittiv, iċ-ċirkostanza dwar jekk il-parti mġarrba kenitx taf jew le li dik il-ġrajja seħħet ma tkunx rilevanti biex il-Qorti tqis jekk dak iż-żmien għaddiex jew għalaqx. Dan jingħad għaliex, fid-dawl tat-tagħlim imsemmi hawn fuq, “Hu risaput illi d-*dies a quo* tal-preskrizzjoni jibda jgħodd minn meta ssir il-ħsara, u mhux minn meta dak li jkun jinduna bil-ħsara. Fil-kawża **Xuereb v Agius**, deċiża mill-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili fil-31 ta’ Ottubru, 1959, intqal illi: “il-preskrizzjoni tibda tgħaddi u timxi mill-jum li fih ikun ġara l-fatt illeċitu li minnu jidderiva d-dannu, u mhux mill-jum meta l-parti leża tiġi taf bih”. It-test huwa wieħed oġġettiv u mhux dipendenti fuq meta l-vittma jkun komdu li jinduna bil-ħsara. Din il-Qorti, Sede Inferjuri, fil-kawża **Mohnani v. Stivala**, deċiża fil-11 ta’ Ġunju, 2010, qalet: “…….. jibda biex jiġi reġistrat illi kif jinghad fl-Artikolu 2137 Kodiċi Ċivili, “bla ħsara ta’ disposizzjonijiet oħra tal-liġi, il-preskrizzjoni ta’ azzjoni tibda minn dak in-nhar li din l-azzjoni tista’ tigi ezerċitata, mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kundizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss”. Hu spjegat mill-Qorti tal-Appell Supejuri illi “t-test li trid il-liġi allura kien dak oġġettiv, dipendenti mill-fatti li minnhom joriġina d-dritt tal-attur li jaġixxi, mhux it-test soġġettiv għall-persuna tal-attur u ċioe` jekk din kenitx jew le f’kundizzjoni li taġixxi, tkun xi tkun ir-raġuni” (“**Raphel Micallef -vsAnthony Agius**”, 6 ta’ Ottubru, 2000). Evidentement, imbagħad, “iż-żmien hu dak li fih tkun twieldet l-obbligazzjoni, u li fih ikunu twieldu d-dritt u l-azzjoni konsegwenzjali” (“**Joseph Stivala -vs- Prof. Joseph Colombo**”, Prim’ Awla, Qorti Ċivili, 9 ta’ Jannar 1953”) [App. Ċiv. 31.10.2014 fil-kawża fl-ismijiet **Mizzi Estates Ltd vs Frank Borda et**]”;

Illi, minkejja dan, tibqa’ dejjem tgħodd ir-regola li l-parti li tqanqal l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni trid tippruvaha kif imiss u li, f’każ ta’ dubju, dan imur kontra l-istess parti eċċipjenti;”

Illi hija regola ewlenija fil-proċedura li l-prova li l-azzjoni hija preskritta trid issir minn min iqanqal l-eċċezzjoni, u għalkemm il-parti attriċi tista' tressaq provi biex tittanta xxejjen dawk tal-parti mħarrka billi tmieri li għadda ż-żmien jew billi ġġib 'il quddiem provi li juru li l-preskrizzjoni kienet sospiża jew interrotta, il-piż jaqa' prinċipalment fuq min jallega l-preskrizzjoni. Hi l-parti mħarrka li trid tipprova li l-parti attriċi għaddhielha ż-żmien utli biex tressaq il-kawża, u dan minn żmien minn meta dik il-kawża setgħet titressaq.[4]

Illi fid-dawl ta' din il-ġurisprudenza, din il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis il-kwistjoni ta' minn meta skattat l-azzjoni għar-rifużjoni ta' flus inkwantu imgħaxijiet. Dan jingħad għaliex filwaqt li s-soċjeta attriċi tikkontendi li l-azzjoni setgħet tkun minnha eżerċitata b'effett mid-data tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell bejn l-istess partijiet tat-18 ta' Frar 2016[5], l-intimat jikkontendi li l-azzjoni odjerna setgħet tiġi intavolata mid-9 ta' Diċembru 2010[6] hekk kif is-soċjeta attriċi ġiet notifikata bil-fattura l-ġdida u ġiet għalhekk infurmata li l-intimat qiegħed jirritjeni s-somma ta' ħamsa u għoxrin elf, sitt mija u disgħa u disgħin Ewro u erbgħatax-il ċenteżmu (€25,699.14) bħala imgħaxijiet.

Illi mill-atti jirriżultaw żewġ elementi ta' siwi biex wieħed jiddetermina minn meta seta' skatta ż-żmien ta' preskrizzjoni. L-ewwel ċirkostanza hija mid-9 ta' Diċembru 2010 meta l-intimat bgħat ittra lis-soċjeta attrċi flimkien ma' fattura jippreċiża l-ammont lilu dovut bħala drittijiet ġudizzjarji. It-tieni ċirkostanza hija meta ġie finalment determinat mill-Qorti tal-Appell u ċioe mit-18 ta' Frar 2016, il-mod ta' kif għandha tiġi ikalkulata t-taxxa u konsegwentament l-ammont bħala drittijiet professjonali dovut lill-intimat Dr. Peralta.

Illi wara li qieset dawn il-fatti u konsiderazzjonijiet legali kollha, il-Qorti hi tal-fehma li ż-żmien biex jintalab rimedju bi pretensjonijiet bħalma ressqet

[4] **Stencil Pave (Malta) Limited vs Dr. Maria Deguara et noe**, deċiża fit-30 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.
[5] Nota ta' sottomissjonijiet tas-soċjeta attriċi paġna 185 tal-proċess.
[6] Nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat paġna 195 tal-proċess.

is-soċjeta attriċi f'din il-kawża beda potenzjalment għaddej mid-data tad-9 ta' Diċembru 2010. Jingħad potenzjalment għaliex fl-4 ta' Marzu 2010 is-soċjeta attriċi intavolat proċeduri kostituzzjonali tikkontesta d-deċiżjoni aħħarija tal-Qorti tal-Appell tad-9 t'Ottubru 2009. Bis-saħħa tal-proċeduri kostituzzjonali, is-soċjeta attriċi fit-13 ta' Marzu 2014 ġabet deċiżjoni favorevoli fejn permezz tagħha ġiet dikjarata nulla d-deċiżjoni tad-9 t'Ottubru 2009, b'dan għalhekk sa dan il-mument l-ammont bħala drittijiet professjonali ma kinux determinati u finali. Kien biss bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tat-18 ta' Frar 2016 fejn ġie determinat 'b'liema mod trid tigi mfassla t-taxxa ghad-drittijiet tal-Avukati u prokuratur legali msemmija fl-okkju'.[7] Li kieku għalhekk ma kienx hemm dawn il-proċeduri għaddejjien fil-konfront tal-intimat, il-Qorti taqbel perfettament li huwa d-9 ta' Diċembru 2010 id-data li minnha jibda għaddej it-terminu. Iżda ġialadarba kien hemm proċeduri pendenti propju jattakkaw dik it-taxxa, is-soċjeta attriċi ma kinitx f'posizzjoni li tiddetermina l-valur finali dovut lill-intimat u wisq aktar għalhekk l-imgħaxijiet. Magħdud ma' dan, permezz ta' ittra datata 28 t'Ottubru 2009[8] is-soċjeta attriċi għaddiet il-ħlas mitlub mill-intimat iżda b'żieda li l-istess ħlas qiegħed isir b'riżerva għad-drittijiet tagħhom fil-liġi sabiex jitolbu rifużjoni '*should the taxed bills of costs be declared null and void in future proceedings*'. Kien proprju wara li ntbagħtet din l-ittra li ġew istitwieti l-proċeduri kostituzzjonali surreferiti.

Illi l-ġurisprudenza tgħallimna li l-preskrizzjoni ma tiddekorrix meta persuna tkun impeduta jew imwaqqfa milli taġixxi fil-każ fejn l-eżercizzju ta' azzjoni proċesswali tiddependi minn pronunzjament ieħor u allura ma jistax jiddekorri l-perjodu preskrittiv. B'sentenza fl-ismijiet **Xuereb vs Zammit** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kummerċjali fid-9 ta' Marzu 1994 ingħad li

"... meta tkun sentenza tal-Qrati li tohloq id-dritt ta' azzjoni, isegwi, illi l-azzjoni gudizzjarja tista' tinbeda biss wara dik is-sentenza u li, wkoll, minn dik id-data tista' tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Mentri meta sentenza tkun

[7] **St. George's Park Company Limited vs. Dr. Hugh Peralta et**, paġna 137 tal-proċess.
[8] Paġna 111 tal-proċess.

sempliciment dikjaratorja ta' x'kienet il-posizzjoni guridika korretta qabel beda l-procediment, allura, huwa daqstant iehor car li tali sentenza m'ghandha ebda rilevanza la ghal meta l-azzjoni tal-kreditur setghet tigi intavolata u konsegwentement, ghad-data li minnha bdiet tiddekorri l-preskrizzjoni."

Illi t-terminu tal-preskrizzjoni jista' jkun sospiż fil-każ biss li jkun hemm impediment ta' dritt jew ċirkostanza li jaħseb għaliha l-art. 2125, però mhux minħabba impediment ta' fatt, u dan in omaġġ għall-prinċipju ġia imsemmi li *contra non valentem agere non currit praescribitur* [9]. Illi kif enunċjat minn din il-Qorti diversament presjeduta fid-deċiżjoni tat-13 ta' Ottubru 2004 fl-ismijiet **Bomber Ltd vs Valtex Ltd** l-impedimenti ta' fatt huma eċċezzjonali u kontemplati mil-liġi stess:

"In effetti fl-ordinament guridiku taghna l-principju "*contra non valentem agere non currit praescriptio*" issib applikazzjoni biss fil-kazijiet ta` sospensjoni (Artikolu 2122 u Artikolu 2123 tal-Kodici Civili) jew f`dak fejn eccezzjonalment il-ligi tati certa rilevanza lil certi ostakoli materjali ghall-ezercizzju tad-dritt. *Ad exemplum*, il-preskrizzjoni fl-azzjoni ta` annullament ta` kuntratt minhabba vizzju ta` kunsens u li skond l-Artikolu 1223 (1), Kodici Civili tibda tiddekorri mill-jum li fih ticcessa l-vjolenza jew ikun skopert il-qerq. Jew fil-kaz fejn l-azzjoni gudizzjarja li tkun qed tigi ezaminata biex jigi stabbilit jekk hemmx preskrizzjoni jew le, tkun necessarjament tiddependi minn pronunzjament gudizzjarju iehor li, sakemm ma jigix pronunzjat, ma jippermettix li l-perkors tal-perjodu preskrittiv jibda u jibqa` miexi. Ara a propozitu "**Bartolomeo Xuereb -vs- Carmelo Zammit**", Appell Kummercjali, 9 ta` Marzu 1994 u "**Moses Bugeja – vs - Joseph Delceppo**", Appell, 6 ta` Ottubru 2000."

Illi din il-Qorti tqis validu għalhekk l-argument imressaq mis-soċjeta attriċi fis-sens li kien biss permezz tas-sentenza mogħtija fit-18 ta' Frar 2016 fl-ismijiet St. George's Park Company Limited v. Dr. Hugh Peralta et li s-

[9] **Attard v. Fenech** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-12 ta' Frar 1965, **Xuereb v. Zammit** u **Chircop v. Muscat**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' April 2000.

soċjeta attriċi saret taf b'mod ċert l-ispejjeż bħala drittijiet tal-avukat intimat. Illi l-preżentata tal-kawża u r-riżerva speċifika tal-azzjoni għal rifużjoni interrompiet il-perjodu ta' preskrizzjoni tal-ħames snin sakemm kienet deċiża l-kawża mill-Qorti tal-Appell. Mis-sentenza 'l quddiem, beda jiddekorri mill-ġdid iż-żmien tal-preskrizzjoni. Jirriżulta li l-azzjoni għar-rifużjoni t'imgħaxijiet baqgħet ma għaddietx in preskrizzjoni għaliex il-preżentata tal-kawża tal-lum saret fil-21 ta' Novembru 2017 u allura entro l-ħames snin mill-interruzzjoni tal-preskrizzjoni u kienet preċeduta minn ittra uffiċjali li jirriżulta li l-intimat kien notifikat biha fil-31 ta' Lulju 2017.

Illi huwa prinċipju tad-dritt illi l-preskrizzjoni għandha tingħata interpretazzjoni restrittiva, u għalhekk jekk ikun jeżisti dubbju dwar l-applikabilità taż-żmien preskrittiv, dak id-dubbju għandu jmur kontra min jeċċepixxi l-preskrizzjoni[10].

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut dwar il-preskrizzjoni billi tiċħadha.

Tordna l-prosegwiment tal-kawża.

Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.

Moqrija.

| | |
|---|---|
| **Onor. Robert G. Mangion** | **Lydia Ellul** |
| **Imhallef** | **Deputat Registratur** |

[10] **Alf Mizzi & Sons (Marketing) Limited v. Dismar Company Limited** deċiża minn din il-Qorti diversament presjeduta fit-12 ta' Ottubru 2004, u **Ellul noe v. Vella noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-8 ta' Mejju 2001.